MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' Mejju, 2007

Numru 383/2007

Il-Pulizija
(Sp Mario Tonna)
vs
Johan Mifsud, iben Michael, imwieled Pieta' fil-15 ta' settembru, 1977
u
Anthony Borg, iben Alfred, imwieled Pieta' fil-25 ta' lulju, 1985

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli fl-1 ta' mejju, 2007 għal ħabta tal-10.46 a.m. ġewwa Pjazza San Luqa, Pieta' –
1. ittantaw li jattakaw jew jagħmlu reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti u cioe' fuq il-persuni ta' PC132 K. G. Sultana u

PC39 J. Zahra liema attentat ma seħħx minħabba xi ħaġa aċċidentali;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi nġurjaw jew heddu jew għamlu offiżi fuq il-persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku li jkunu qed jagħmlu jew minħabba li jkunu għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jinfluwixxu fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz u cioe' fuq il-persuni ta' l-istess uffiċċjali tal-pulizija msemmija fl-akkuża hawn fuq;
3. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi ma obdewx l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilhom mill-pulizija jew ma ħallewx jew fixklu waqt li kienu jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod bla jedd indaħlu fl-istess dmirijiet billi ma ħallewx lill-membri tal-korp tal-pulizija jagħmlu dak li b'liġi kienu ordnati li jagħmlu u billi ħassru jew ġabu fix-xejn dak li l-membri tal-korp tal-pulizija bħala awtorita kienu għamlu;
4. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi volontarjament kisru l-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
5. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi qalu kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagħa;
6. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi meta hekk mitluba rrifjutaw jew taw falz isimhom, kunjomhom, fejn joqogħdu u partikularitajiet oħra lill-istess uffiċjali pubbliċi meta kienu mitluba;
7. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi tlajjaw fi Pjazza San Luqa, Pieta' jew f'djametru ta' mitt metro madwar l-imsemmija pjazza mingħajr raġuni xierqa;
lil Johan Mifsud, waħdu –
8. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi xewwex ġemgħa ta' nies, illi hekk imxewwxa nġabru f'numru ta' għaxra jew aktar, sabiex jagħmlu reat liema reat fil-fatt sar;
9. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi pubblikament xewwex lill-persuni oħra sabiex jiksru l-liġi.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta' mejju, 2007 fejn l-imputati ammettew l-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputati dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat Johan Mifsud ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41, 92, 95, 96, 338(g)(dd)(ee), 68(1)(3) u 70 tal-Kodiċi Kriminali. Rat illi Johan Mifsud għamel perjodu ta' tlettax il-ġurnata arrest preventiv. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sentejn mil-lum. Issib lill-imputat Anthony Borg ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41, 92, 95, 96 u 338(g)(dd)(ee) tal-Kodiċi Kriminali. Rat illi Anthony Borg għamel perjodu ta' tlettax il-ġurnata arrest preventiv. Ma tikkundannahx għal piena karċerarja iżda tilliberah taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien tmintax il-xahar mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------